NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 5 - IT-TLIETA 21 TA' MEJJU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Chairperson BIC |

Pubbliku: Kien hemm persuna waħda għal parti mil-laqgħa.

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Bonnici u ċ-Chairperson ta' Baħar iċ-Ċagħaq, Maryanne Cuomo, kienu infurmawh li ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Kopji tal-*emails* mingħandhom huma annessi f'A.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ressaq il-minuti laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Kunsillieri Sammut u Agius, il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.2. Il-Kunsillier Sammut semma l-kwistjoni tal-mogħdija ta' bejn il-Magħtab u Baħar iċ-Ċagħaq u lmenta li l-Gvern qabad u injora kompletament deċiżjoni tal-Kunsill u għamel fattih mingħajr l-iċken konsultazzjoni.

**3. PJAN TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

3.1. Is-SE ippreżenta l-lista skont il-prijoritajiet li kienet ġiet formulata bil-kontribuzzjoni tal-Kunsillieri. Filwaqt li l-Kunsill qabel li tinżamm din il-lista, qabel ukoll li magħha jkunu amalgamati l-proposti mill-Kunsillieri li kienu ressqu

fid-deċiżjoni tar-responsabbiltajiet. Din il-lista kompluta għandha tgħaddi f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

**4. IR-RAPPORT TAL-OMBUDSMAN DWAR PJAZZA ĊELSI**

4.1. Is-SE ressaq ir-rapport tal-Ombudsman dwar l-ilment ta' Pjazza Ċelsi minħabba li jkun hemm għargħar kull darba li tagħmel ix-xita. Dan kien intbagħat qabel lil kull Kunsillier u għalhekk kien meqjus moqri.

4.2. Il-Kunsill iddikjara li, fin-nuqqas li jkollu l-istimi neċessarji, ma kiex jinsab f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni u għalhekk talab li jkollu l-istimi neċessarji biex kif jaslu jkun jista' jiddeċiedi fil-laqgħa li jkun imiss.

**5. OFFERTI GĦALL-HANDYMEN**

5.1. Il-Kunsill iddiskuta l-abbozz ta' dokument tal-offerti għas-servizzi ta' *handymen*.

5.2. Il-Kunsill qabel li fl-offerta għandu jkun speċifikat li l-Kunsill għandu bżonn żewġ *handymen.*

5.3. Fl-offerta għandu wkoll ikun inkluż li l-*handymen* iridu jniżżlu u jtellgħu il-bnadar kollha tal-Kunsill ma nżul u tlugħ ix-xemx rispettivament.

5.4. Kien hemm qbil li l-ħinijiet għandhom ikunu maqsumin b'mod li f'kull ħin tal-ġurnata normali tax-xogħol ikun hemm *handyman* xogħol dejjem. Għalhekk id-dokument tal-offerta għandu jinkludi żewġ skedi ta' ħinijiet.

5.5. Kien maqbul ukoll li l-offerenti għandhom jispeċifikaw bil-quddiem is-sostitut.

5.6. F'dan il-ħin is-SE informa li l-*handyman* Jurgen Attard kien akkumula numru ta' siegħat u għalhekk kellu bilanċ ta' 98 siegħa. Dan ġara minħabba li għal attivitajiet tal-Kunsill normalment jaħdmu aktar siegħat u għalhekk dawn jakkumulawhom (ma jitħallsux tagħhom) u jieħdu minnhom siegħat liberi meta jkollhom bżonn. Is-SE fakkar li dan kien sar biex il-Kunsill ma jeċċedix il-baġit allokat għall-*handymen*. Infatti l-Kunsill irrikonoxxa li, bejn is-siegħat akkumulati tas-Sur Attard u s-siegħat maħduma inqas mis-Sur Victor Mula, il-bilanċ (madwar 50 siegħa) fuq kuntratt ta' tliet snin huwa verament baxx. Għalhekk kien hemm qbil li mal-bidu tal-kuntratt il-ġdid tal-*handymen*, is-Sur Attard għandu jitħallas tas-siegħat żejda li jkun fadallu mill-kuntratt eżistenti.

5.7. Sadanittant il-Kunsill talab li, sa fejn ikun possibli, għandu jkun hemm aktar kontroll fuq is-siegħat addizzjonali.

**6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

6.1. Is-Sindku infurmat li kienet attendiet għall-preżentazzjoni ta' fondi għall-iskema tal-Enerġija alternattiva. L-ammont ta' fondi kienu ta' €2,700.

6.2. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sammut irreferew għall-Pet Show li saret il-Ħadd 19 ta' Mejju fejn qalu li kienet suċċess minkejja li fl-istess jum u ħin kien hemm attivitajiet oħra f'lokalitajiet viċini inkluż fil-Palazz. Dwar tal-aħħar kien suġġerit li l-attività possibilment għandha tingħaqad ma' dik li ssir il-Palazz li hija wkoll relatata. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lil Glad Enterprises.

6.3. Sadanittant il-Viċi Sindku infurmat li dak inhar tal-Pet Show attenda l-Onor. Victor Galdes li staqsa jekk fin-Naxxar għandniex problema bil-klieb jiġġerrew barra. Huwa wiegħed li, jekk ikun hemm din il-problema jipprova jgħin.

6.4. Is-SE fakkar li l-Kunsill kien għadu jrid jieħu deċiżjoni dwar it-talbiet min-naħa tal-Knisja. Il-Kunsill għalhekk qabel li fil-post fejn hemm il-*Keep Clear* quddiem il-Knisja għandhom isiru *bollards* li jinqalgħu. Għall-ewwel għandhom isiru komuni minħabba l-biża ta' vandaliżmu u, meta jindraw, ikunu ordnati oħrajn pariġġ dawk tal-Pjazza.

6.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras kien skużat għall-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:07.

6.6. Dwar il-ħsarat fil-globi l-Kunsill qabel li jsewwihom sakemm l-ispiża tagħhom kollha f'salt ma taqbiżx l-€1,000.

6.7. Il-Kunsill qabel ukoll mat-talbiet għall-gwardjani biex jikkontrollaw it-traffiku waqt il-purċissjonijiet ta' *Corpus* u l-Qalb ta' Ġesù li se jsiru fit-2 u d-9 ta' Ġunju rispettivament.

6.8. Dwar il-kwistjoni tal-ħawt imwaħħal fi Triq Santa Luċija l-Kunsill qabel li s-sidien għandhom ikunu mwissija biex jaqilgħu il-ħawt.

6.9. Is-SE informa li, minħabba li kien hemm Kunsilli Lokali li żdidulhom in-numru ta' Kunsillieri, sar aġġustament fl-allokazzjoni finanzjarja u l-baġit tan-Naxxar tnaqqas b'€16,470. It-tnaqqis ittieħed mill-allokazzjoni tat-*tipping fees* (€14,272) u mill-allokazzjoni għall-Amministrazzjoni (€2,198). Is-SE informa li, sakemm il-Kunsill ma jkunx mitlub iħallas l-ammont kollu għat-*tipping fees* l-effett fuq il-baġit m'għandux ikun kbir imma s'issa t-*tipping fees* għadhom dovuti lil Wasteserv.

## 7. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR

7.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

7.2. Is-SE informa li kien hemm il-ħtieġa biex jinxtraw xi oġġetti ta' *stationery* li ilu jinħass il-bżonn tagħhom. Huwa għalhekk ipprovda stimi biex il-Kunsill ikollu ħjiel tal-ispejjeż involuti. Il-Kunsill qabel li jinxtraw l-oġġetti mitluba iżda talab lis-SE biex l-ewwel jaċċerta li huma ta' kwalità tajba qabel ma jordna u jekk ma jaħsibx li huma ta' kwalità tajba għandu jordna oħrajn aħjar. Dawn l-oġġetti huma: *Laminating Machine* (€60.64), *Binding Machine* (€182.90), Giljottina A4 (€102) u *heavy duty stapler* (€41.89) li però sar arranġament biex tingħata b'xejn ma' ordni ta' karti.

## 8. IL-PROĠETT TA' TRIQ IN-NAĦAL

8.1. Is-SE spjega s-sitwazzjoni ta' dan il-proġett u kif il-Perit ta' dak iż-żmien kien iċċertifika x-xogħol meta ma kienx sar skont il-permessi meħtieġa. Għalhekk il-flus imwegħda mill-UIF ma setgħux ikunu mogħtija mill-MEPA jekk il-proġett ma jsirx skont il-permessi.

8.2. Wara li kellu jinkiseb permess mill-ġdid, il-MEPA, għall-permessi l-ġodda esiġiet tibdil mill-pjanti oriġinali u għalhekk se jkun ifisser li l-ispiża totali se jkollha tikber.

8.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir it-talba skont it-tibdiliet iżda għandu jsir kuntatt mal-Perit ta' dak iż-żmien biex jinżamm responsabbli jekk il-fondi jibqgħu ma jingħatawx.

## 9. PROPOSTA MINN DESIRÈE AZZOPARDI DWAR TISBIEĦ B'MOD KREATTIV

9.1. Il-Viċi Sindku spjegat dwar din il-proposta, li kopja tagħha kienet għaddiet lil kull Kunsillier. Hija kienet iltaqgħet magħha flimkien mas-SE biex setgħet tkun infurmata aħjar. Din kienet qed tipproponi inizjattivi fejn postijiet, tipo bankijiet, *planters*, ħitan vojta eċċ jkunu mżejjna bi tpinġija fuqhom biex jagħtu dehra isbaħ. Dwar dan il-Kunsill seta' wkoll jinvolvi l-komunità.

9.2. Il-Kunsill qabel li jagħmel prova fuq xi żewġ bankijiet biex ikun jista' jevalwa r-reazzjoni tal-pubbliku. L-ewwel li għandhom ikunu trattati huma l-bankijiet fin-naħa tat-terminus.

9.3. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sammut talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:41.

9.4. F'dan il-ħin ukoll is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-ħobż li kien ippreparat/mixtri għal-laqgħa ma kienx ittiekel kollu u għalhekk saħqet li, jekk il-Kunsillieri ma ridux, m'għandhomx ikunu ordnati aktar ħalli ma jinħlewx flus. Il-Kunsillieri kollha kkonfermaw li għalihom mhux importanti li jinxtara dan l-ikel apparti s-soltu gallettini u karawett u għalhekk m'għandhomx ikunu ordnati aktar.

## 10. PROPOST DWAR RIKONOXXIMENT LILL-KUNSILLIERI FL-OKKAŻJONI TAL-20 ANNIVERSARJU TAL-KUNSILLI LOKALI

10.1. Minħabba li din il-proposta kienet imressqa mill-Kunsillier Bonnici u minħabba li kien skużat, il-Kunsill qabel li jaġġornaha għal-laqgħa li jmiss.

## 11. PROPOSTA GĦALL-ĦRUĠ TA' BYE LAWS

11.1. Il-Kunsill qabel li s-SE għandu jipproċedi bil-proċess biex il-Kunsill jippubblika Bye Laws dwar:

11.1.1. Kontroll ta' BBQ's f'Baħar iċ-Ċagħaq.

11.1.2. Użu tal-faċilitajiet.

11.1.3. Organizzazzjoni ta' korsijiet u attivitajiet.

11.1.4. Reklamar fuq pubblikazzjonijiet tal-Kunsill.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa kien hemm dawn l-interventi li ġejjin:

12.2. Il-Kunsillier Galea informa li kien sar il-kordinament meħtieġ biex issir il-mixja li kienet ipproponiet il-Viċi Sindku. Din se ssir fl-1 ta' Ġunju u kien maħsub li tibda b'quddiesa fis-6:30pm fil-Parroċċa imbagħad tibda l-mixja lejn il-Kappella ta' San Pawl fejn se jkun hemm bejjiegħ ta' *refreshments*. Għalkemm kien propost li jinġieb daqqâq tal-mandolina għall-prezz ta' €60, il-Kunsill ma qabilx li ssir tali nefqa għal din l-attività.

12.3. Il-Kunsillier Galea informa wkoll li l-għaqda kulturali li kien ippropona l-Kunsill reġgħet bdiet tiltaqa' u infatti approvaw l-ewwel abbozz tal-istatut, tawha l-isem *Għaqda Kulturali Wirt Naxxari* filwaqt li l-Kumitat huwa magħmul minn Paul Catania (President), Speranza Xuereb (Segretarju), Paul Xuereb (Teżorier), Clifford Galea (Relazzjonijiet Pubbliċi u rappreżentant tal-Kunsill), Edward Azzopardi (Membru) u Paul Scicluna (Membru).

12.4. Il-Kunsillier Galea informa li kien qiegħed jipprova jgħaqqad grupp folkloristiku u tkellem mas-Sur Frederick Camilleri li deher interessat ħafna.

12.5. Is-Sur Galea informa wkoll li kienu kellmuh xi residenti minn San Pawl tat-Tarġa dwar is-servizz tal-Arriva. Is-Sindku infurmat li kienu qed jitressqu l-kummenti kollha lil TM filwaqt li infurmat ukoll li minn laqgħat li kellha xi xhur ilu kien stabbilit li l-użu tat-trasport f'San Pawl tat-Tarġa u Birguma tant kien minumu li kellhom inaqqsu r-rotot.

12.6. Is-Sindku infurmat li kienet avviċinat lill-membri tas-sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa tal-leġiżlatura preċedenti u kollha wrew interess li jkunu membri fis-sottokumitat il-ġdid. Il-Kunsill qabel li jkun iffurmat dan is-sottokumitat kif kien kompost qabel.

12.7. Il-Viċi Sindku għamlet riferenza simili għas-sottokumitat ta' Birguma u l-Kunsill ukoll qabel li jista' jkun iffurmat bil-persuni li kien hemm fil-leġiżlatura preċedenti.

12.8. Il-Viċi Sindku infurmat li fil-15 ta' Ġunju se jaħbat Jum l-Anzjani u staqsiet jekk hux il-każ li ssir attività biex tfakkar dan il-jum possibilment bl-involviment tal-istudenti tal-primarja. Madanakollu, minħabba li ftit li xejn kien fadal żmien u minħabba li l-istudenti se jkunu impenjati bl-eżamijiet, m'għandiex issir tali attività.

12.9. Il-Kunsillier Agius saħaq li kien wasal iż-żmien biex issir CCTV fil-Pjazza minħabba l-ipparkjar bl-addoċċ.

12.10. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa. Il-ħin kien l-10:30pm.

12.11. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 13 ta' Ġunju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**B**

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 5

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mis-17 ta' April 2013 sas-17 ta' Mejju 2013**

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Agricultural Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden maintenance - Mar 13 | 31/03/2013 | 34565 | n/a | n/a | 3061 | |
| 2 | Albert Galea | €250.00 | €250.00 | K | PF | Aerobics Class [Feb 13 to Apr 13] | 22/04/2013 | 13 | n/a | n/a | 3381 | |
| 3 | AMJ Legal Services | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Apr 13 | 01/05/2013 | 91 of 2013 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Archway Ironmongery | €117.70 | €117.70 | D | PF | Drill, silicon, chain, cement, brackets, etc | 27/03/2013 | 34199 | 4323 & 4345 | 4323 & 4345 | 2210 | |
| 5 | Archway Ironmongery | €158.20 | €158.20 | D | PF | Flushing, rutella, ramel, zrar, manhole, keys, etc. | 16/04/2013 | 34462 | 4345 & 4363 | 4345 & 4363 | 2210 | |
| 6 | Artisans Centre Ltd | €50.00 | €50.00 | D | PF | Plaque with engraving for Victory Fireworks | 20/04/2013 | 7075 | 4349 | 4349 | 3340 | |
| 7 | B&B Construction | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq Andrea Debono | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16489 |
| 8 | Bank of Valletta | €120.00 | €120.00 | D | PF | Payment to MEPA with regards to the rehabilitaion of the site at Triq il-Mithna, In-Naxxar | n/a | n/a | n/a | n/a | 7600 | 16495 |
| 9 | Bartolomeo Magro | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq il-Kappella tax-Xaghra | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16487 |
| 10 | Bitmac Works Ltd | €229.39 | €229.39 | D | PF | Instant road repair | 30/03/2013 | 97596 | 4352 | 4352 | 2311 | |
| 11 | C&C Projects | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 5th claim on a/c | 19/04/2013 | 130403 | n/a | n/a | 3130 | |
| 12 | E. Calleja & Sons Ltd | €136.43 | €136.43 | D | PF | Lamps nad fuses - for Gnien Toni Vella (to replace burnt lamps) | 23/04/2013 | 2289 | 4347 | 4347 | 2310 | |
| 13 | E. Calleja & Sons Ltd | €327.49 | €327.49 | D | PF | Lamps and Igniters for Gnien Toni Vella | 25/04/2013 | 3015 | 4358 | 4358 | 2310 | |
| 14 | E. Calleja & Sons Ltd | €405.61 | €405.61 | D | PF | Control gears & lamps | 29/04/2013 | 3289 | 4360 | 4360 | 2310 | |
| 15 | Carmel Busuttil | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq l-Amerika | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16486 |
| 16 | Cash | €111.63 | €111.63 | D | PF | Petty cash - May 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 16561 |
| 17 | Cimaco Group Ltd | €87.65 | €87.65 | D | PF | Soft Bulk Pack T/ paper | 06/05/2013 | 7884 | 4356 | 4356 | 2950 | |
| 18 | Doris Caruana | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq is-Sejjiegh | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16483 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Dr Maria Fatima Deguara | €817.35 | €817.35 | D | PF | Mayor's Allowance - Apr 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 20 | E-Dinamix | €826.00 | €826.00 | T | PF | Website Hosting, Support & Maintenance (2012 & 2013) | 19/12/2012 | 2012/21 | n/a | n/a | 3110 | |
| 21 | Etienne Bartolo | €116.47 | €116.47 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq in-Nutar Emanuel Debono | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16490 |
| 22 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Center piece fresh flowers | 18/04/2013 | 2 | 4341 | 4341 | 3320 | |
| 23 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Center piece fresh flowers | 26/04/2013 | 3 | 4355 | 4355 | 3320 | |
| 24 | Galea Curmi Engineering | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Apr 13 | 30/04/2013 | 2566 | n/a | n/a | 3065 | |
| 25 | Go plc | €264.73 | €264.73 | D | PF | Telephony monthly service - Mar 13 [21417224] | 15/04/2013 | 32246862 | n/a | n/a | 2160 | 16491 |
| 26 | Go plc | €54.72 | €54.72 | D | PF | Telephony monthly service - Mar 13 [21416341] | 15/04/2013 | 32246860 | n/a | n/a | 2160 | 16492 |
| 27 | Go plc | €16.62 | €16.62 | D | PF | Telephony monthly service - Mar 13 [21416363] | 15/04/2013 | 32246864 | n/a | n/a | 2160 | 16493 |
| 28 | Gordon Gerada | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Bahar ic-Caghaq near Ice cream kiosk | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16488 |
| 29 | GS Superstore | €127.93 | €127.93 | D | PF | Nescafe, sugar, cookies, etc. | n/a | n/a | 4356 | 4356 | 3320 | |
| 30 | Image Systems Ltd | €61.18 | €61.18 | D | PF | Ink per printout - Mar 13 | 31/03/2013 | FSMA/093475 | n/a | n/a | 2670 | |
| 31 | J&S Store | €155.73 | €155.73 | D | PF | Acrylic tube; paint; white cement; pinzell; silicone; bulbs; etc. | 15/02/2013 | 7230 | 4277, 4288, 4297, 4305 & 4333 | 4277, 4288, 4297, 4305 & 4333 | 2370 | |
| 32 | Joseph Agius | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq l-Ifran | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16494 |
| 33 | Joseph Sammut | €233.00 | €233.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq il-Bjad | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16484 |
| 34 | Jurgen Attard | €285.00 | €285.00 | T | PF | Ground warden - Apr 13 | 30/04/2013 | 158715 | n/a | n/a | 3191 | |
| 35 | Leo's Garage Paramount | €260.21 | €260.21 | K | PF | Transport services for the elderly - Mar 13 | 31/03/2013 | 25320 | 4309 & 4321 | 4309 & 4321 | 2720 | |
| 36 | Malta Library and Information Association MaLIA | €10.00 | €10.00 | D | PF | Pre publication book order: "A Directory of Libraries, Information Units and Archives in Malta" | n/a | n/a | n/a | n/a | 2995 | 16560 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Melita plc | €171.74 | €132.41 | D | PF | Telephony monthly service - May 13 & Fibre Power Dynamic IP - Apr 13 & May 13 | 01/05/2013 | 33913220 | n/a | n/a | 2160 | |
| 38 | Melita plc | €2.40 | €2.40 | D | PF | TV monthly service - May 13 | 01/05/2013 | 33913850 | n/a | n/a | 2165 | |
| 39 | Mifsud & Mifsud Advocates | €52.32 | €52.32 | D | PF | Professional fees and Disbursements re.: "Ronald Camilleri vs Kunsill Lokali In-Naxxar" | 19/04/2013 | 144/13 | n/a | n/a | 3140 | |
| 40 | MITA | €69.55 | €69.55 | D | PF | E-mail a/cs for the period Jan - Mar 13 | 25/04/2013 | 27975 | n/a | n/a | 3110 | |
| 41 | Naxxar Boys' Secondary | €500.00 | €500.00 | D | PF | Naxxar Boys' Secondary holding LLL courses for this academic year | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | 16559 |
| 42 | Northern Cleaning Group | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Mar 13 | 31/03/2013 | Nxr - 3/13 | n/a | n/a | 3041 | |
| 43 | Quality postform | €659.56 | €659.56 | D | PF | Desks for Computer lab | 19/04/2013 | 44062 | 4332 | 4332 | 7210 | |
| 44 | Richie's Ironmongery | €29.74 | €29.74 | D | PF | Ramel, zrar, black cement, letter box and brass plate. | 22/04/2013 | 3428AA | 4353 | 4353 | 2370 | |
| 45 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Naxxar Public Convenience - Cleaning - Apr 13 | 28/04/2013 | Nxr - 4/13 | n/a | n/a | 3053 | |
| 46 | Ricky Caruana | €471.90 | €457.60 | T | PF | Naxxar Civic Centre - Cleaning - Apr 13 | 28/04/2013 | Nxr - 4/13 | n/a | n/a | 3055 | |
| 47 | Roberta Fenech | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery in Triq l-- Imdina | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16485 |
| 48 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Retainer fees - Mar 13 | 22/04/2013 | 13/011 | n/a | n/a | 3160 | |
| 49 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Retainer fees - Apr 13 | 22/04/2013 | 13/016 | n/a | n/a | 3160 | |
| 50 | Staff wages | €6,740.82 | €6,740.82 | D | PF | Staff wages - Apr 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 51 | Victor Bartolo | €50.00 | €50.00 | D | PF | Fixed electric jigger and changed brushes, parts and labour | 20/04/2013 | 13 | 4354 | 4354 | 2330 | |
| 52 | Victor Xuereb | €200.00 | €200.00 | D | PF | Fixing of distribution box, changing of chokes and bulbs at Naxxar playing field together with maintenance of lights around the playing field (Gnien Toni Vella) | 29/04/2013 | 6658754 | 4361 | 4361 | 2310 | |
| 53 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Mar 13 | 15/04/2013 | 35069 | n/a | n/a | 3040 | |
| 54 | Adi Associates | €34.81 | €34.81 | T | PF | Review of planning application fees - Apr 13 | 30/04/2013 | 1172 | n/a | n/a | 3130 | |
| 55 | All Care Brokers Ltd | €2,065.66 | €2,065.66 | D | PF | Insurance coverage - 5th May 13 till 4th May 2014 | 14/05/2013 | I-RN 11673 | n/a | n/a | 3030 | |
| 56 | Avantgarde Projects Ltd | €77,431.61 | €77,431.61 | T | PF | Triq Castro Alleys Project | n/a | n/a | n/a | n/a | 7600 | |
| 57 | CaterEssence Ltd | €44.88 | €44.88 | D | PF | Tuna and Rocket Baguette and Tucano; Turkey and Cranb Baguette and Tucano | 09/05/2013 | 122107 | 4380 | 4380 | 3320 | |
| 58 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Apr 13 | 07/05/2013 | 166 | n/a | n/a | 3051 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | CSD Office Trade | €33.74 | €33.74 | D | PF | Treasury tags; staples; a3 p/copy 80gsm white & key tags | 08/05/2013 | 43898 | 4371 | 4371 | 2620 | |
| 60 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette re. the booking order of parking bays by Palazzo Parisio | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 16558 |
| 61 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette re. Naxxar Lions' Activity on the 11/05/2013 (Majjalata) | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 16562 |
| 62 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Center piece fresh flowers | 09/05/2013 | 4 | 4382 | 4382 | 3320 | |
| 63 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Center piece fresh flowers | 14/05/2013 | 5 | 4375 | 4375 | 3320 | |
| 64 | G4S Security Services Ltd | €389.40 | €389.40 | D | PF | Cash collection services - Apr 13 | 30/04/2013 | GS007438 | n/a | n/a | 3190 | |
| 65 | Georgina Grima | €592.87 | €592.87 | D | PF | Nursing fees - Apr 13 | 30/04/2013 | Apr-13 | n/a | n/a | 3340 | |
| 66 | Go plc | €61.15 | €61.15 | D | PF | Telephony monthly service - Apr 13 [21416341] | 10/05/2013 | 32363484 | n/a | n/a | 2160 | 16565 |
| 67 | Go plc | €17.00 | €17.00 | D | PF | Telephony monthly service - Apr 13 [21416363] | 10/05/2013 | 32363488 | n/a | n/a | 2160 | 16566 |
| 68 | Go plc | €294.95 | €294.95 | D | PF | Telephony monthly service - Apr 13 [21417224] | 10/05/2013 | 32363477 | n/a | n/a | 2160 | 16567 |
| 69 | Grace Camilleri | €176.99 | €176.99 | D | PF | Branch librarian services - Apr 13 | 06/05/2013 | Apr-13 | n/a | n/a | 2995 | |
| 70 | Guard & Warden Service House | €27.72 | €27.72 | D | PF | Traffic Management Services - Apr 13 Triq il-Parrocca and Triq il-Labour | 30/04/2013 | 6410 | n/a | n/a | 3630 | |
| 71 | Land Department | €232.94 | €232.94 | D | PF | Rent for period 06/04/2013 till 05/04/2014 with regards to the football ground and Public Convenience | 03/05/2013 | 1063549 | n/a | n/a | 2400 | |
| 72 | Land Department | €125.00 | €125.00 | D | PF | Rent for period 08/05/2013 till 07/11/2013 for Mithna K/A Tal-Ghaqba | 03/05/2013 | 1067224 | n/a | n/a | 2400 | |
| 73 | Mailbox Services Ltd | €15.93 | €15.93 | K | PF | Door to door distribution - letter with regards to Trejqet Qalet Marku and advertising the BIC locality meeting dated 17/05/2013 | 16/05/2013 | 1343 | 4377 | 4377 | 2650 | |
| 74 | Paul Azzopardi | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery at Triq J. Howard | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16564 |
| 75 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Naxxar Public Convenience - Cleaning - May 13 | 28/05/2013 | Nxr - 5/13 | n/a | n/a | 3053 | |
| 76 | Ricky Caruana | €493.35 | €471.90 | T | PF | Naxxar Civic Centre - Cleaning - May 13 | 28/05/2013 | Nxr - 5/13 | n/a | n/a | 3055 | |
| 77 | Vodafone MT | €146.39 | €146.39 | D | PF | Telephony monthly service - Apr 13 | 01/05/2013 | 3521344052013 | n/a | n/a | 2160 | 16563 |
| 78 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Apr 13 | 15/05/2013 | 35653 | n/a | n/a | 3040 | |
| 79 | Yellow pages Ltd | €31.15 | €31.15 | D | PF | Advert on Yellow Pages | 15/05/2013 | 6720 | n/a | n/a | 2940 | |